# LECTIO DIVINA

# IT-TIELET ĦADD TAL-GĦID (B)

**Lq 24,35-49**

*F'dak iż-żmien, iż-żewġ dixxipli li reġgħu lura Ġerusalemm minn Għemmaws kienu qegħdin itarrfu lill-Ħdax u lil dawk li kienu magħhom xi ġralhom fit-triq, u kif kienu għarfu lil Ġesù fil-qsim tal-Ħobż* (v.35). Id-dixxipli min-naħa tagħhom kienu diġà ħabbru lil dawn it-tnejn li *l-Mulej qam tassew u deher lil Xmun* (v.34). L-għarfien tal-qawmien jidher fatt ċert tant illi d-dixxipli jxandruh lil xulxin. Għalhekk tinħoloq fil-qarrej ċertu sorpriża meta għall-fatt li *Ġesù nnifsu waqaf f'nofshom* (Ara Apok 5,6) *u qalilhom: "Is-sliem għalikom", huma twerwru bil-biża' għax ħasbu li qegħdin jaraw xi fantażma* (v.36-37). Il-kap. 24 huwa karatterizzat minn din ir-reazzjoni negattiva tad-dixxipli. Ftit qabel, iż-żewġ dixxipli ta' Għemmaus jistqarru ma' Ġesù li kien miexi magħhom li dawk li marru ħdejn il-qabar *lilu ma rawhx!* (v.24). Fis-silta tal-lum, minbarra x-xhieda ta' Pietru u ta' dawn id-dixxipli, Ġesù stess jurihom idejh u ġenbu u jistedinhom imisshuh, għax *l-ispirtu ma għandux laħam u għadam bħalma qegħdin taraw li għandi jien* (v.39). *Huwa u jgħidilhom dan,* reġa' *uriehom idejh u riġlejh. Iżda billi huma, fil-ferħ tagħhom, kienu għadhom ma jridux jemmnu u baqgħu mistagħġba, qalilhom: «Għandkom xi ħaġa tal-ikel hawn?»* (v. 40-41). L-ikel huwa għajnuna oħra sabiex id-dixxiplu jinduna li l-Mulej hu ħaj. Hekk jiġri f'Għemmaus meta d-dixxipli *għarfu lil Ġesù fil-qsim tal-Ħobż* (v.35). Hekk ukoll jiġri lis-seba' dixxipli fuq l-għadira tal-Galilija (Ġw 21,1-14). Pietru, flimkien ma' sħabu, jerġa' lura għal dak li kien jaf jagħmel, iżda ma qabdu xejn. Dan in-nuqqas jibda l-proċess sabiex id-dixxiplu jerġa' jistad, imma din id-darba, imbuttat mill-kelma tal-Imgħallem u b'hekk jagħraf li l-Mulej huwa ħaj u li jagħti d-doni tiegħu bl-abbundanza.

Fis-silta tal-lum jidher li d-dixxipli mhumiex jaraw u jifhmu l-ovvju. Għalhekk Ġesù jidħol fi djalogu magħhom u bil-mod il-mod jgħinhom jaslu għaċ-ċertezza tal-qawmien. Intant joħroġ fid-dieher dak illi huma għandhom f'qalbhom meta jistaqsihom: *Għaliex tħawwadtu?*

*Għaliex dan it-tħassib kollu f'qalbkom?* (v.38) It-taħwid interjuri, flimkien mat-tħassib u d-dubji jakkumpanjaw lid-dixxiplu u jagħmlu parti mill-mixja tal-fidi. Saħansitra quddiem Ġesù Rxoxt hu permess id-dubju u t-tħassib, esperjenza tant umana u li ħafna drabi hi l-faċċata l-oħra tal-libertà. Tant ieħor hi esperjenza komuni għall-bniedem u għad-dixxiplu li xi drabi ma jagħrafx l-ovvju u għar minn hekk, jibdel lill-Mulej ma' fantażma/theddida. Hekk ġralhom id-dixxipli fir-raba' sahra tal-lejl meta d-dgħajsa kienet titħabat mal-mewġ: *Huma rawh miexi fuq il-baħar u twerwru. "Dan xi fantażma!" qalu; u qabdu jgħajjtu bil-biża'* (Mt 14,24-25). Hi t-traġedja ta' Alla u tal-bniedem. Il-Mulej li jersaq qrib biex jakkumpanja u jagħti s-sliem, u l-bniedem li jaħseb li ġie kontrih fantażma. It-tajba li dan kollu jseħħ meta d-dixxipli diġa' għandhom għarfien ta' Ġesù – u fil-każ tas-silta tal-lum, l-għarfien tal-qawmien!

*Imbagħad qalilhom: «Meta kont għadni magħkom għedtilkom dawn il-kelmiet: «jeħtieġ li jseħħ kull ma nkiteb fuqi fil-Liġi ta' Mosè, fil-Profeti u fis-Salmi.» Imbagħad fetħilhom moħħhom biex jifhmu l-Iskrittura. U qalilhom: «Hekk kien miktub, li l-Messija jbati u fit-tielet jum iqum mill-imwiet, u li l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet tixxandar f'ismu lill-ġnus kollha, ibda minn Ġerusalemm* (v.44-47). F'dawn il-versi Ġesù nnifsu jagħti żewġ kriterji prinċipali għall-interpretazzjoni tal-Iskrittura Mqaddsa: A. Tinqara' fil-globalità tagħha B. Iċ-ċentru huwa Kristu.

Fil-ġrajja ta' Ġesù, kollox huwa mmexxi minn pjan akbar li tiegħu l-Kelma ta' Alla hija xhieda, għalkemm id-dixxipli kienu għadhom ma skoprewx dan il-pjan. Għalhekk *fetħilhom moħħhom biex jifhmu l-Iskrittura*. Fl-istess kapitlu, l-istess verb *διανοίγω* hu wżat ukoll b'referenza għall-għajnejn, meta jiġu miftuħa l-għajnejn tad-dixxipli ta' Għemmaus u jagħrfu lil Ġesù fil-qsim tal-ħobż (v.31), u mbagħad b'referenza għall-Iskrittura meta *Huwa jiftħilhom l-Iskrittura* u *qalbhom titkebbes* (v. 32). Fit-tlitt każi, il-ftuħ huwa azzjoni li jwettaq Ġesù u li jwassal għall-għarfien tiegħU (ara wkoll Atti 16,14; 17,2-3). Dan l-għarfien jikkonsisti qabel xejn f'li *l-Messija jbati u fit-tielet jum iqum mill-imwiet*. Dan hu ċ-ċentru ta' kull ma nkiteb fuqu u għalhekk *jeħtieġ li jseħħ*. F'Lq il-kelma *δεῖ/jeħtieġ* hija frekwenti u spiss tirreferi għall-pjan u l-ħsieb ta' Alla. Ara p. eż. 4,43 (jeħtieġ li jxandar anke fi bliet oħra); 9,22 u paralleli Sinottiċi (*jeħtieġ li Bin il-bniedem ibati ħafna...*) u 17,25; 15,32 (*kien meħtieġ li nagħmlu festa u nifirħu...*); 19,5 (*illum jeħtieġli noqgħod għandek*); 22,37 (*jeħtieġ li jseħħ fija dak li hemm miktub, jiġifieri, 'li kien magħdud mal-ħżiena'. Tabilħaqq, dak li hemm miktub fuqi jseħħ."*).

Imbagħad it-tlitt rikorrenzi f'kap. 24: *Ftakru x'kien qalilkom meta kien għadu fil-Galilija, meta qal li jeħtieġ li Bin il-bniedem jingħata f'idejn il-midinbin, ikun mislub, u fit-tielet jum iqum mill-imwiet"* (v. 6-7); *U ma kellux (ma kienx meħtieġ li) il-Messija jbati dan kollu u hekk jidħol fil-glorja tiegħu?"* (v.26); u mbagħad v. 44.

Fis-silta tal-lum Ġesù stess imexxi lid-dixxipli biex jifhmu l-Iskrittura. Hija l-Kelma ta' Alla li se tagħti s-sens lill-ġrajjiet u twassal għall-għarfien veru tal-qawmien. Infatti l-qabar vojt ma wassalx għal dan l-għarfien veru u kważi nistgħu ngħidu l-istess għad-dehra reali ta' Ġesù lid-dixxipli. Xhieda ta' dan hija l-istedina li jagħmlu ż-żewġt irġiel lin-nisa mill-qabar vojt: *Ftakru x'kien qalilkom meta kien għadu fil-Galilija meta qal...* (v. 6) kif ukoll, il-ġrajja tad-dixxipli ta' Għemmaus. In-nisa kellhom jiftakru f'dak li qal Ġesù fuq il-mewt tiegħu... u biex juri l-importanza li tiftakar, Lq jinnota li n-nisa *ftakru kliemu* (v. 8). Dak li f'Mk u f'Mt irid iseħħ billi id-dixxipli imorru fiżikament il-Galilija, f'Lq iseħħ billi jiftakru. Fi Ġw 14,26 il-kapaċità li tiftakar huwa frott id-don tal-Ispirtu. Se jkun *d-Difensur, l-Ispirtu s-Santu, li l-Missier jibgħat f'ismi,* li *jgħallimkom kollox u jfakkarkom dak kollu li għedtilkom*.

It-tieni parti ta' dak li *kien miktub* huwa: *li l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet tixxandar f'ismu lill-ġnus kollha, ibda minn Ġerusalemm* (v. 47). Din kienet l-istess missjoni ta' Ġesù—*Jien mhux lill-ġusti ġejt insejjaħ, iżda lill-midinbin għall-indiema* (5,32)—li mbagħad issir il-missjoni tal-Knisja fl-Atti. L-istess konverżjoni toħloq saħansitra ferħ fis-sema tant illi *ikun hemm aktar ferħ għal midneb wieħed li jindem milli għal disgħa u disgħin bniedem tajjeb li ma kellux bżonn ta' ndiema* (15,7). Il-konverżjoni/indiema donna tippreċedi l-maħfra u kważi dejjem insibuhom flimkien ħlief għal xi eċċezzjonijiet: Fil-Benedictus il-poplu se *jagħraf bis-salvazzjoni permezz tal-maħfra tad-dnubiet* (1,77) mentri Pietru fid-dar ta' Kornelju jistqarr li *l-profeti kollha jixhdu għalih u jgħidu li kull min jemmen fih jaqla' l-maħfra tad-dnubiet bis-saħħa ta' ismu* (At 10,43). Pawlu fl-ewwel missjoni jxandar: *Mela, ħuti, kunu afu dan: li permezz ta' Ġesù qiegħda tixxandrilkom il-maħfra tad-dnubiet; permezz tiegħu, kull min jemmen ikun iġġustifikat minn dak kollu li minnu ma stajtux tkunu ġġustifikati bis-saħħa tal-Liġi ta' Mosè* (13,38-38). Anke il-ġrajja ta' Żakkew taqleb l-ordni tal-konverżjoni u tal-maħfra. Donnu f'dan il-każ, il-konverżjoni hija r-riżultat tal-maħfra ta' Ġesù.

Din l-aħbar għandha titwassal lil kull bniedem fid-dinja. Dan jidher ċar sa mill-bidu tal-

Vanġelu. Infatti Xmun jistqarr: *għaliex għajnejja raw is-salvazzjoni tiegħek li int ħejjejt għall-popli kollha, dawl biex idawwal il-ġnus, u glorja tal-poplu tiegħek Iżrael* (2,30-32). Għalkemm l-għarfien huwa ċar, effettivament fl-ewwel passi tal-Knisja dan il-kmand ltaqa' ma diversi diffikultajiet, bħalma jkompli jiltaqa' llum.

Din it-tħabbira se tibda minn Ġerusalemm, il-post fejn seħħew il-mewt u l-qawmien. Huwa dan li jagħti l-identita' u d-dixxiplu jrid jibqa' marbut magħha. Hu għandu jkollu ċar min hu u x'inhu jħabbar.

*Intom xhud ta' dan. U jiena, araw, nibgħat fuqkom lil dak li wiegħed Missieri. Imma intom ibqgħu fil-belt, sa ma Alla jkun libbiskom bil-qawwa tiegħu* (v. 48-49). Id-dixxiplu, għalkemm donnu għandu kollox lest, ma jistax joħroġ qabel ma jitlebbes bil-qawwa ta' Alla. Fil-fatt baqalu jirċievi l-essenzjal. Il-qawwa li biha se jixhed mhiex il-qawwa tiegħu imma ta' Alla. Hija l-istess qawwa li f'Marija għamlet ħwejjeġ kbar: *L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa ta' l-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis, u jissejjaħ Bin Alla* (1,35). *Ġesù, bil-qawwa ta' l-Ispirtu, reġa' mar il-Galilija; u l-fama tiegħu xterdet ma' dawk l-inħawi kollha, għax hu kien jgħallem fis-sinagogi tagħhom fost it-tifħir ta' kulħadd* (4,14-15). *Il-qawwa tal-Mulej kienet fih biex ifejjaq* (5,17). Ara wkoll At 1,4-8 u At 2.